# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Novembru, 2001**

**Avviz numru : 58/2001GT(GM)**

**Francis Caruana Limited**

**vs**

**Paul Saliba et**

**It-Tribunal**

**Ra l-avviz tat-talba,**

**"Illi l-konvenuti xtraw kamra tal-banju minghand is-socjeta' attrici.**

**Illi mill-prezz miftiehem ghada dovuta s-somma ta' sitt mija u tmenin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm680.93) bhala bilance mill-prezz pattwit.**

**Illi minkejja diversi nterpellazjonijiet u minkejja diversi promessi l-hlas baqa' ma sarx.**

**Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dan il-bilanc flimkien ma' l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja cioe' fi Frar 2000 sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u tal-ittri interpellatorji tal-20 ta' Ottubru 2000, 26 ta' Jannar 2001, tal-5 ta' Frar 2001, tas-27 ta' April 2001 u tas-7 ta' Lulju 2001 u tal-ittri Ufficjali spediti f'Novembru 2000 u f'Mejju 2001."**

**Ra r-riferta posittiva imnejn irrizulta li l-konvenuti gew debitament notifikati izda ma pprezentawx risposta u l-anqas dehru ghas-seduta tat-22 ta' Novembru 2001 u dik tallum, ghalkemm fl-ewwel seduta msemmija dehret l-avukat tal-konvenuti li pprezentat pagament akkont tad-debitu permezz ta' cekk ta' LM150; l-avukat tas-socjeta' attrici irrinunzja ghall-imghax mitlub, filwaqt illi l-z-zewg avukati ghall-partijiet kontendenti talbu li t-tribunal jghaddi ghas-sentenza fuq il-bilanc, liema bilanc gie ammess mid-difensur tal-konvenuti;**

**Ghaldaqstant, fuq l-imsemmija ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghas-somma ta' LM530.93c; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-hames (5) ittri interpellatorji u zewg ittri ufficcjali imsemmija fl-**

**avviz tat-talba, kif ukoll id-dritt tal-avukat li deher ghas-socjeta' attrici f'dawn il-proceduri a kariku tal-konvenuti.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**